**Il-Munita tal-Millenju**




Biex ifakkar il-wasla tal-Millenju l-Ġdid, il-Bank Ċentrali ta’ Malta ħareġ munita unika li tinseġ fid-disinn tagħha elementi kemm tradizzjonali kif ukoll ġodda. Id-disinn tal-munita jħalli s-sura tonda li dejjem kienet tikkaratterizza l-muniti kommemorattivi maħruġin mill-Bank biex ifiġġ f’sura rettangolari hekk mhux tas-soltu bl-irkejjen ittundjati. Fuq il-wiċċ tagħha jidhru l-armi ta’ Malta u tal-Bank Ċentralita’ Malta, filwaqt li fuq l-irġejjen jidhru żewġ muniti Maltin ta’ żmien ir-Rumani, li huma maħsubin li kienu fost l-eqdem muniti fiċ-ċirkulazzjoni meta Malta u Għawdex kellhom il-qagħda ta’ “municipium” fil-bidu tat-tielet seklu W.K. Id-disinn tal-munita, li nħadmet fir-*Royal Mint*, ġor-Renju Unit, hu xogħol l-Artist Malti Noel Galea Bason. Hi tagħmel sehem mill-Kollezzjoni ta’ Kapulavuri tal-Millenju, li kien proġett mibdi mir-Royal Mint, li fih ħadu sehem 23 pajjiż ieħor. Il-munita hi magħmula mill-Fidda “*Proof*” u fuqha għandha żewġ gamewijiet miksijin b’deheb ta’ 22 karat, u kellha valuta legali ta’ Lm5 sal-31 ta’ Jannar 2008.

| **Tip** | **Denominazzjoni** | **Diametru (mm)** | **Użin Gross (g)** | **Titlu** | **Titolu massimu ta’ muniti li jistgħu jinħadmu** |
|---|---|---|---|---|---|
| Fidda “Proof” | Lm5 | 40 x 22 | 15.00 | 0.925 | 32,000 |